# QORTI ĊIVILI
**(Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi)**
Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 15 ta' Lulju 2025**

**Nru: 2**

**Rikors Nru. 6/2025**

## Avukat Abigail Bugeja bħala mandatarju speċjali f'isem u għan-nom tas-soċjetà estera Evergreen Marine (Asia) Pte. Ltd

## v

## Iċ-Chairperson tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

## u

## Id-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

1. Fir-rikors tagħha li bih tniediet din il-proċedura, l-avukat Bugeja noe ressqet dawn bħala l-bażi tat-talbiet tagħha:

    i. Illi s-soċjeta' rikorrenti Evergreen Marine (Asia) Pte. Ltd hija l-operatur u trasportatur ta' diversi *containers* li ġew maqbuda ġewwa Malta b'konsegwenza tal-investigazzjonijiet mill-Prosekutur Delegat Ewropew fl-ismijiet *"Il-Prosekutur Delegat Ewropew vs Otman Ali Otman Abdulkader"*, liema investigazzjonijiet jirrigwardaw il-merkanzija li kienet qed tinġarr ġol-imsemmija *containers*;

ii. Illi għaxar (10) *containers* propjeta' tas-socjeta' rikorrenti ilhom maqbuda f'Malta sa minn ċirka Lulju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) u huma kollha elenkati fid-dokument li qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala **Dokument** '**AB1**';

iii. Illi fil-fatt, dawn il-containers ġew maqbuda wara li fis-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023), il-Prosekutur Delegat Ewropew ressaq talba quddiem l-Onorabbli Qorti Kriminali fejn ġie mitlub li ssir Ordni ta' Investigazzjoni u Sekwestru skond id-dispożizzjonijiet legali relattivi;

iv. Illi permezz ta' ordni mogħtija mill-Qorti Kriminali nhar is-sitta (6) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023), l-Onorabbli Qorti ordnat is-segwenti:

1 ***Orders*** *that Malta Freeport Corporation Limited, TS Container Agences Ltd, Maersk A/S (Denmark), GreenwaveShipping.mt, Evergreen Maritime Corp (Taiwan), Attrans Ltd, Micallef Transport Services, Fahrenheit Logistics Ltd, Sullivan Shipping Agencies Ltd u Sullivan Maritime Ltd* ***shall produce or grant access to such material to Inspector Joseph Mizzi and/or the European Delegated Prosecutor*** *of the moneys, information, property, accounts, other moneys deposited in said accounts and/or safety deposit boxes and material or objects deposited in the same accounts and/or safety deposit boxes which are allegedly registered, or were registered, on the above mentioned persons or held by them even as trustees of the suspecter persons and also for information, correspondence and documentation related to the same moneys, accounts and property, movable or immovable, being so registered or that were registered and for operations in connection with the same property, accounts and/or safety deposit boxes, including any documentation with regards to the identity of the persons (legal and/or natural) that may have been connected with the management of the same moneys, accounts and/or safety deposit boxes, or which may have deposited or effected payment in the same accounts, or which had a connection with the operations effecting the mentioned moneys, property, account and/or safety deposit boxes, including persons (legal and/or natural) that could have benefited from payments made to or transaction and transfers that could have been effected from the moneys, accounts and/or safety deposit boxes or from the same property.*

2 ***Attach*** *in the hands of Malta Freeport Corporation Limited, TS Container Agences Ltd, Maersk A/S (Denmark), GreenwaveShipping.mt, Evergreen Maritime Corp (Taiwan), Attrans Ltd, Micallef Transport Services, Fahrenheit Logistics Ltd, Sullivan Shipping Agencies Ltd and Sullivan Maritime Ltd. all moneys, accounts and/or safety deposit boxes, documentation and other information and material described above, that are due to, or in the name of or appertain to or concern the suspected persons or held by them even if as trustees of the suspected persons.*

3 ***Orders*** *the above mentioned garnishees to declare in writing to the European Delegated Prosecutor, not later than twenty-four hours from the time of services of this order, the nature and source of all property, movable and immovable so attached;*

4 ***Prohibits*** *the suspected persons from transferring or otherwise disposing of any movable and immovable property.*

5 ***Orders*** *the notification of the Attachment Order to be served on the suspects and the garnishees according to law.*

6 ***Authorizes*** *the Director of the Asset Recovery Bureau to accompany the person serving the Attachment Order on the suspected persons, and upon the service of the Order on the suspected persons the Director shall have the right to enter, accompanied by an officer of the executive police into any house, building or*

*other enclosure or board any craft or enter any vehicle, belonging to or used by the suspected persons or wherein it is suspected that the suspected persons may have property or other assets constituting property subject to confiscation. The Director may for such purpose have such material photographed, weighed, measured and valued by experts.*

Kopja tal-ordni surreferita qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dokument 'AB2'**;

v. Illi l-investigazzjonijiet surreferiti ghadhom ghaddejjin u fil-fatt, propju fl-għaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u erba' u ghoxrin (2024), jirriżulta' li tressqu xi persuni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, liema Qorti harget ukoll Ordni ta' Qbid u Iffriżar fl-atti tal- Kumpilazzjoni Numru 560/2024 li kopja tagħha qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala **Dokument** '**AB3**';

vi. Illi l-ordni surreferita tistipula s-segwenti:

*Il-Qorti ORDNAT is-sekwestru ta' kwalunkwe proprjetà li tkun f'idejn partijiet terzi li dwarha jkun hemm raġuni valida sabiex jitwemmen li l-proprjetà hija soġġetta għall-konfiska, u qed iżżomm u tipprojbixxi lill-imputati JONATHAN MIZZI, GRETA sive GRETA JOSPEHINE MIZZI, OTMAN ALI OTMAN ABDULKADER, AKAKUS INTERNATIONAL LTD, CONVEY SHIPPING & TRADING AGENCY LTD, DUNCAN MANGION, CARMEL BUSUTTIL, TIMOTHY GALEA, JONATHAN THEUMA, EDWARD MIFSUD u MARICA BUGEJA milli ittrasferixxu, jagħtu b'rahan, jipotekaw, jew b'xi mod ieħor ibiddlu jew jiddisponu minn dik ilproprjetà u minn proprjetà oħra tagħhom jew li tkun fil-pussess tagħhom sal-limitu ta':*

*Tlieta u għoxrin miljun Euro (€23,000,000) fir-rigward tal-imputat JONATHAN MIZZI;*

*Tlieta u għoxrin miljun Euro (€23,000,000) fir-rigward tal-imputat OTMAN ALI OTMAN ABDULKADER;*

*Tlieta u għoxrin miljun Euro (€23,000,000) fir-rigward tal-imputata GRETA sive GRETA JOSEPHINE MIZZI;*

*Tlieta u għoxrin miljun Euro (€23,000,000) fir-rigward tas-soċjetà CONVEY SHIPPING & TRADING AGENCY LTD;*

*Tlieta u għoxrin miljun Euro (€23,000,000) fir-rigward tas-soċjetà AKAKUS INTERNATIONAL LIMITED;*

*Ħames miljun Euro (€5,000,000) fir-rigward tal-imputat DUNCAN MANGION;*

*Miljun u mitejn elf Euro (€1,200,000) fir-rigward tal-imputat CARMEL BUSUTTIL;*

*Ħames miljun Euro (€5,000,000) fir-rigward tal-imputat EDWARD MIFSUD;*

*Ħames miljun Euro (€5,000,000) fir-rigward tal-imputat TIMOTHY GALEA;*

*Ħames miljun Euro (€5,000,000) fir-rigward tal-imputat JONATHAN THEUMA;*

*Ħames miljun Euro (€5,000,000) fir-rigward tal-imputata MARICA BUGEJA;*

*u dan ai termini tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 36 (1) u tal-Artikolu 36 (4)(a) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta.*

vii. Illi primarjament għandu jingħad illi l-esponenti *qua* trasportatur u operatur tal-imsemmija *containers* ikkooperat, provdiet u għaddiet l-informazzjoni kollha li kellha fil-pussess tagħha kemm lill-Ispettur u lill-Amministratur li ġie maħtur preċedentement u dan sabiex ikomplu jsiru l-investigazzjonijiet meħtiega;

viii. Illi għandu jiġi sottolineat ukoll illi s-socjeta' esponenti hija kompletament estranja għall-proċeduri Kriminali miġjuba kontra l-imputati elenkati fl-ordni surreferita iżda xorta waħda qegħdha ssofri preġudizzju serju u rrimedjabbli u dan kif ser jiġi spjegat iktar l-isfel;

ix. Illi jirriżulta wkoll li l-investigazzjonijiet kienu u għadhom kollha ċċentrati fuq il-merkanzija relattiva, liema merkanzija ċertament ma tappartjenix lis-soċjeta' rikorrenti u dan għaliex l-istess soċjeta' ma tkunx edotta dwar dak li jkun qed jiġi trasportat fl-imsemmija *containers* u wisq anqas tkun involuta dwar dak li jiġi ddikjarat mal-Awtoritajiet rispettivi, stante li l-imsemmija dikjarazzjonijiet isiru minn terzi;

x. Illi jirriżulta wkoll illi s-soċjeta' esponenti nqabdet fi kwistjoni li hija totalment estranja u li b'kawża t'hekk, numru ta' *containers* ġew maqbuda f'Malta b'konsewgenza li l-istess soċjeta' esponenti qed tinkorri spejjeż kbar relatati ma' *storage / demurrage*;

xi. Illi sad-data tal-preżentata tar-rikors odjern, l-ispejjeż li sfortunatament u nġustament ġew inkorsi mis-socjeta' rikorrenti Evergreen Marine jammontaw għall-iktar minn mitejn wieħed u sittin elf tnejn u sebgħin elf euro (€261,072) liema spejjeż jikkonsistu f'*detention and demurrage* kif ukoll *storage charges*. Fil-fatt skond l-elenku li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument '**AB4**', l-i*storage charges* wehedhom sad-data tal-hamsa (5) ta' Mejju ta' din is-sena jammontaw ghas-somma surreferita;

xii. Illi apparti l-ispejjeż surreferiti, s-soċjeta' esponenti qed tesponi ruħha għall-spejjez u danni sostanzjali oħra stante li fil-preżent għandha numru sostanzjali ta' *containers* maqbuda ġewwa Malta u allura m'hijiex f'pożizzjoni li tonora obbligi kuntrattwali li ghandha versu terzi;

xiii. Illi fil-preżent jeħtieg li l-merkanzija li kienet u għadha suġġetta għall-investigazzjonijiet u proċeduri kriminali, tinħatt mill-Awtoritajiet koncernati ġewwa maħżen idonju sabiex l-imsemmija *containers* jiġu rilaxxati minnufih biex is-soċjeta' rikorrenti timmitiga d-danni li qegħdha tesponi ruħha u li ghandhom qed jiġu nkorsi minnha nġustament u anke sabiex l-ispejjeż involuti ma jkomplux jikbru, liema spejjeż għad iridu jiġu finalizzati, kwantifikati u eventwalment mibgħuta lil terzi responsabbli għall-istess;

xiv. Illi dan ir-rikors qiegħed jiġi intavolat ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kap.621 tal-Liġijiet ta' Malta liema Artiklu jipprovdi s-segwenti:

*(1) Fejn kwalunkwe persuna tiddikjara li hija s-sid ta'kwalunkwe proprjetà soġġetta għal Ordni ta' Qbid u Iffriżar skont it-Taqsima IV, jew tiddikjara li għandha drittijiet fuq dik il-proprjetà, jew tiddikjara li hi s-sid ta' proprjetà konfiskata skont l-artikolu 38, dik il-persuna tista' tapplika quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi) biex tiddikjara li l-imsemmija proprjetà tappartjeni lilha, jew li għandha d-drittijiet mitluba fuq dik il-proprjetà, u l-Qorti għandha, wara li tkun sodisfatta permezz tal-prova prodotta minn tali persuna li l-applikant huwa s-sid tal-proprjetà, kif it-terminu huwa definit fl-artikolu 2, tiddikjara li l-proprjetà tappartjeni lill-applikant u ma tibqax soġġetta għall-Ordni tal-Qbid u l-Iffriżar jew Konfiska, u meta l-Qorti bl-istess mod tkun sodisfatta li l-applikant għandu d-drittijiet fuq il-proprjetà, hija għandha tiddikjara l-proprjetà maqbuda, konfiskata jew iffriżata bħala soġġetta għal dawk id-drittijiet.*

xv. Illi fl-umli fehma tas-soċjeta' rikorrenti, din l-Onorabbli Qorti għandha tagħmel distinzjoni bejn il-kontenut u l-merkanzija miżmuma ġewwa l-*containers*, liema

merkanzija hija soġġetta għall-Ordni ta' Qbid u Iffriżar, u l-*containers* proprjeta' tas-soċjeta rikorrenti, li żgur m'humiex soġġetti għal tali ordni u li huma totalment estranji għall-investigazzjonijiet u proċeduri kriminali surreferiti;

xvi. Illi b'zieda ma' dan, ir-rikorrenti tinsisti illi ż-żamma tal-*containers* surrferiti hija lleċita u tilledi d-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem kif protetti mill-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenżjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

xvii. Illi tenut kont dan kollu, għandu jiġi rilevat li d-Direttiva tal-Unjoni Ewropeja dwar l-Iffriżar u l-Konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attivita' kriminali fl-Unjoni Ewropea tirrikonoxxi li tali ordni tista timpinġi fuq id-dritt ta' tgawdija tal-proprjeta' tant li fi premessa 31 hemm dikjarat is-segwenti: *"minħabba li l-ordnijiet ta' ffriżar joħolqu limitazzjoni fuq id-dritt għall-proprjeta',* ***dawn il-miżuri proviżorji m'għandhomx jinżammu fis-seħħ aktar minn kemm ikun meħtieġ****..."*[1]

xviii. Illi mid-dokumenti annessi mar-rikors odjern, huwa evidenti li s-sid tal-*containers* relattivi li wkoll ma jappartjeni lil ħadd mill-persuni preżentament akkuzati iżda' jappartjenu lis-soċjeta' rikorrenti u jew li ghandha titolu fuqhom u għalhekk, għandhom jiġu rilaxxati mingħajr ebda dewmien;

xix. Illi finalment ghandu jinghad ukoll illi hemm insistenza mill-Awtoritajiet koncernati sabiex ir-rikorrenti tipprocedi bil-proceduri odjerni biex tkun tista' tiehu lura l-*containers* relattivi dejjem jekk ikun hemm sentenza favorevoli. Illi kien ghalhekk li r-rikorrenti ma kellhiex alternattiva hlief li tipprocedi bil-proceduri odjerni.

2. Għalhekk talbet lil din il-qorti:

a. Tiddikjara illi l-għaxar (10) containers kif indikati aktar fid-dettal fid-Dokument immarkat bhala 'AB1' huma proprjeta' assoluta tas-soċjeta' rikorrenti u jew li ghandha drittijiet fuq l-imsemmija containers;

b. Tordna sabiex l-għaxar (10) containers kif indikati aktar fid-dettal fid- Dokument immarkat bhala 'AB1' ma jibqgħux soġġetti għall-Ordni tal-Qbid u l-Iffriżar maħruġa fl-ghaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) u jew ghall-Ordni moghtija fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023);

c. Tordna r-rilaxx tal-containers li jappartjenu lilha u jew li ghandha drittijiet fuqhom ad eskluzjoni tal-merkanzija soġġetta għall-Ordni tal-Qbid u l-Iffriżar maħruġa fl-ghaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) u jew ghall-Ordni moghtija fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023).

[1] Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

3. L-intimati rrispondew, in effett, li m'għandhomx oġġezzjoni għar-rilaxx mitlub, sakemm jiġu sodisfatti l-elementi skont l-artikolu 39 tal-Kap. 621. Dwar l-ispejjeż, qalu li m'għandhomx ibatuhom huma, għaliex m'għandhom ebda poter li jeħilsu oġġetti mill-effetti ta' ordni ta' qbid u ffriżar.

4. Waqt is-smigħ li nżamma fit-8 ta' Lulju 2028, l-avukat Bugeja ressqet nota ta' spejgazzjoni, li tagħha kkonfermat il-kontenut bil-ġurament tagħha, skont kif verbaliżżat. Ressqet ukoll dokument li kellu jifforma parti mid-dokument AB1 li kien tressaq mar-rikors li bih tniediet din il-proċedura. L-intimati ddikjaraw li huma soddisfatti b'dak spjegat.

5. Dan ifisser li t-talbiet fil-mertu mhumiex kontestati.

Għalhekk tilqa' t-talbiet kif tressqu. L-ispejjeż jibqgħu bla taxxa.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur